# RIŻORSA 6

**Komponiment ta' student bl-isem ta' Viricorci, ta' 9 snin, Marzu 1916**

"Għażiża għalliema, dan hu li nixtieq inkun. U għaliex. Suldat tas-17-il riġment. Għaliex? Biex noqtol lill-Ġermanizi. U nixtieq nagħmel hekk għal Franza u għal ART TWELIDI. Nixtieq inkun fit-trunċiera u nagħti bil-bajjunetta ħalli noħroġilhom imsarinhom barra. Nixtieq inkun fost l-eroj u fil-fanterija kolonjali, u mmorru bil-bajjunetta jew inkella nkiss inkiss fuq idejna u rkupptejna biex lill-Ġermanizi naqtgħulhom rashom barra ..."

*Sors: Ikkwotat minn M. Pignot,* Allons enfants de la patrie*, op. cit., p. 143; ippubblikat mill-Bibliothèque Nationale de France fuq [is-sit tal-wirja tagħha dwar il-gwerra 14-18]*

**Silta minn ktieb tal-qari għall-iskejjel primarji mill-1941**

"Tlaqna, tlaqna, nim-mar-ċjaw! Evviva! Mużika! Mużika! Dawk suldati. Jimmarċjaw f'kolonni, tlieta tlieta, bl-elmi tal-azzar u bl-armi. Il-kaptan fuq quddiem. Liebes is-Salib tal-Ħadid fuq ix-xellug u farrett f'wiċċu. Fejn intlaqat bil-balla? In-Norveġja, Franza, il-Greċja, l-Afrika jew ir-Russja? Hu jista' jitkellem dwar il-gwerra. Is-suldati żgħażagħ mimlija trab. Mnejn ġejjin? 'Il fejn qed jimmarċjaw? Warajhom hemm il-machine guns u kanun tal-artillerija. Il-mużika tieqaf. Is-suldati jkantaw: "Fjura ċkejkna qed tiftaħ fil-mergħa, u jisimha..."."

*Sors:* Fibel für die Volksschulen Württembergs *(Stuttgart: Verlag der Union Deutsche Verlagsgesellschaft, 1941), [German Propaganda Archive]*

**Silta minn artiklu f'rivista ta' kull ġimgħa għat-tfal tal-iskejjel primarji fir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja**

"Is-suċċessi tas-Soċjaliżmu u l-fama internazzjonali li kien qed jieħu wasslu biex il-mibegħda tal-Imperjalisti fil-konfront tar-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja, l-aktar fil-Ġermanja tal-Punent, titkattar bla qies. Ippruvaw jagħmlulna l-ħsara kull fejn setgħu. B'mod partikolari, l-għedewwa tagħna użaw il-fruntiera miftuħa fil-Punent ta' Berlin. Dan ma kienx biżżejjed għalihom. L-Imperjalisti ppjanaw gwerra. Il-pjanijiet tagħhom eventwalment inkixfu. Bi qbil mal-Unjoni Sovjetika u mal-Istati l-oħra tal-Patt ta' Varsavja, fit-13 ta' Awwissu 1961 ġibna fi tmiemhom il-pjanijiet tal-Punent. Għalaqna l-fruntieri tagħna."

*Sors:* Trommel *("It-Tanbur"), rivista ta' kull ġimgħa għat-tfal tal-iskejjel primarji fir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja, [German Propaganda Archive]*
*Ħafna mill-materjal huwa miktub mit-tfal tal-iskejjel. Din is-silta, minn artiklu fil-25 anniversarju tal-Patt ta' Varsavja, tidher f'p. 5 tal-Ħarġa #16/1980. L-artiklu jinkludi mappa tal-bażijiet tal-Istati Uniti madwar l-Unjoni Sovjetika u jsemmi l-benefiċċji tal-Ħajt ta' Berlin.*

- Dawn is-siltiet ma' liema kunflitt rispettiv jorbtu?
- Kif tiddefinixxi t-tip ta' lingwaġġ użat?
- X'inhuma d-differenzi u x-xebh bejn it-testi differenti?